# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 15 ta' Settembru 2015**

**Kawza Numru : 2**
**Rikors Guramentat Numru : 432/2014/LSO**

**Rita De Waele [K.I. Belgjana Nru. 591-4454455-26]**

**vs**

**Michele Pergolani (Nru K.I. Taljan 7751027) u Angela Maria Falanga (Nru. K.I. Taljan AM 7321371)**

**Il-Qorti,**

Illi dan huwa provvediment mitlub skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 229 tal-Kap 12** fejn ir-rikorrenti odjerni qed

jitolbu permess sabiex jappellaw minn decizjoni moghtija minn din il-Qorti datata nhar is-16 ta' Lulju 2015 fejn cahdet it-talba taghhom ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja.

Il-kawza odjerna hija kawza ta' spoll klandestin u vjolenti peress li l-attrici tallega li  l-intimati nhar il-Gimgha 2 ta' Mejju, 2014 b'mod abbuziv qabdu u dahlu fid-dar 157, Two Gates Street, Senglea, fejn kienet tirrisjedi, biddlu s-serraturi u zbarraw l-aperturi taghha b'mod ghalhekk li r-rikorrenti giet imkeccija mid-dar fil-pussess taghha . Ghalhekk talbet li tigi reintegrata fil-pussess.

Illi l-intimati kienu telqu minn Malta fil-mori tal-proceduri u l-atti gudizzjarji gew notifikati fl-esteru skont il-Ligi skont ir-Regolament tal-UE Numru **1393/2007** u l-Avviz Legali 333 tal-2008 li jemmenda l-A.L. 279 tal-2008 f'din il-materja.

Illi fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2015, din il-Qorti, wara li rat id-dokumenti esebiti a fol 32 sa 44 tal-process, ikkonsidrat lill-konvenuti kontumaci u halliet l-kawza ghas-sentenza in difett t'ostakolu ghat-12 ta’ Mejju 2015. L-intimati sussegwentement ressqu talba biex jiggustifikaw il-kontumacja u jigu awtorizzati jipprezentaw ir-risposta guramentata taghhom.

B'sentenza taghha tas-16 ta' Lulju 2015, din il-Qorti ddecidiet li l-konvenuti ma gabux raguni tajba bizzejjed biex jiggustifikaw il-kontumacja taghhom u tathom wiehed u ghoxrin (21) jum biex, jekk iridu, jressqu nota ta' osservazzjonijiet dwar il-mertu tal-azzjoni. Il-kawza thalliet ghas-sentenza ghad-29 ta' Ottubru 2015.

B'rikors ulterjuri tal-istess konvenuti pprezentat fit-22 ta' Lulju 2015 talbu li jigu awtorizzati, *ai termini* tal-**artikolu 229 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta** sabiex jinterponu appell mid-Digriet moghti tas-16 ta' Lulju 2015 ghar-ragunijiet hemm sottomessi. Dan hu r-rikors li qed jigi indirizzat illum.

B'd-Digriet taghha tat-22 ta' Lulju 2015 din il-Qorti ordnat lir-rikorrenti sabiex jipprecizaw is-subartikolu tal-artikolu 229 tal-Kap.12 fuq liema qed jibbazaw it-talbiet taghhom u ordnat in-notifika lill-kontroparti bi zmien ghoxrin (20) gurnata ghar-risposta u irrikjamat il-kawza ghall-15 ta' Settembru 2015.

L-attrici irrispondiet fis-7 ta' Awwissu 2015 fejn, *inter alia,* ssollevat in-nullita tar-rikors odjern billi ssottomettiet li d-decizjoni ta' din il-Qorti tas-16 ta' Lulju 2015 mhuwiex digriet interlokutorju imma sentenza *in parte*, u ghaldaqstant il-procedura korretta kellha tkun dik ikkontemplata bl-**artikou 231 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta** .

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Il-lanjanzi tar-rikorrenti odjerna huma s-segwenti:

1) In-notifika tal-atti tal-kawza ma sarux skont kif huwa dettat bl-**artikolu 140 tal-*Codice di Procedura Civile* Taljana.**

2) Jirrizulta zball fl-atti ta' din il-kawza peress li din hija ricevuta mir-Registratur Qrati u Tribunali Civili li tirrigwarda kawza ohra u mhux dik odjerna.

3) Ma jirrizultax mill-process li r-rikors guramentat gie tradott bil-lingwa Taljana *ai termini* tal-**Artikolu 8 tar-Regolament EC 1393/2007.**

4) Ma nghatawx l-opportunita' li jikkontestaw l-allegazzjonijiet attrici, qed jigu mcahhda mid-dritt taghhom ghas-smigh xieraq.

5) Dan kollu juri li ma riedux inaqqsu mir-rispett lejn din il-Qorti.

**L-attrici** fir-risposta taghha ssollevat in-nullita' tal-procedura odjerna *stante* li d-decizjoni ta' din il-Qorti tas-16 ta' Lulju 2015 mhix digriet interlokutorju imma sentenza parzjali. Ghalhekk il-procedura li kellha tigi adoperata hija dik mahsuba **bl-artkolu 231 tal-Kap.12** u mhux dik disposta **bl-artikolu 229 tal-istess Kodici.** Rigward in-notifika effettwata, tghid li din saret skont il-Ligi kif attestat mic-"*certificato di attuazione della notificazione e communicazione"* approvata mill-"*Corte di Appello di Roma"* fejn hemm attestat li l-intimati t-tnejn gew pozittivament notifikati fit-12 ta' Dicembru 2014. Li l-atti gew debitament tradotti fil-lingwa jirrizulta mir-*Request for Service of Documents* a fol 35 u 41 tal-process.

**<u>Nullita' tal-Proceduri Odjerni.</u>**

Din il-Qorti, b'Digriet taghha tat-22 ta' Lulju 2015, ordnat lir-rikorrenti odjerni sabiex jindikaw is-subartikolu preciz

tal-artikolu 229 tal-Kap 12 li fuqu qed jibbazaw it-talba odjerna.

Ikkonsidrat li minkejja li r-rikorrenti ma tawx l-informazzjoni rikjesta, jidher car li qed jidentifikaw id-decizjoni ta' din il-Qorti tas-16 ta' Lulju 2015 bhala digriet interlokutorju u ressqu t-talba odjerna *ai termini* tal-artikolu 229(3) tal-Kap.12.

Illi, izda, l-Qorti hi tal-fehma li c-cahda ta' talba ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja hija sentenza vera u proprja u mhux digriet interlokutorju, u dan skont skorta ta' gurisprudenza fil-materja.

Il-Qorti tikkonsidra li d-dispost tal-artikolu 229 tal-Kap 12 kien intiz ukoll biex jikkjarifika l-proceduri ghall-appelli minn digrieti interlokutorji, u li l-elenku tad-digrieti meqjusa bhala tali, iservi biex jelimina xi dubji il setghu rrizultaw. Bl-artikolu 229(3), imbaghad, il-Qrati inghataw id-diskrezzjoni biex jawtorizzaw appell anke ghal digrieti li mhumiex fost dawk imsemmija fl-artikolu 229(1) u 229(2).

L-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kaz fl-ismijiet **Lawrence Ellul Sullivan et noe v Lawrence Ciantar** (Dec. fit-2 ta' Marzu 1992) irrisolviet il-kwistjoni tad-distinzjoni bejn digriet interlokutorju u sentenza b'riferenza ghat-test tal-**artikolu 230 tal-Kap.12** li jiddisponi hekk:

***"230.*** *Id-digrieti interlokutorji ma jagħmlux ġudikat għall-qorti li tkun tathom, meta tinġieb raġuni sewwa, fil-fehma tal-qorti, biex titbiegħed minnhom."*.

Dik il-Qorti wkoll ikkonsidrat bhala element identifikattiv ta' digriet jew sentenza, il-forma uzata mill-Qorti fid-decizjoni taghha. Rigward dan it-tieni element, din il-Qorti stess bdiet biex tghid fid-decizjoni taghha tas-16 ta' Lulju 2015, li dik kienet sentenza.

Izda fil-fehma tal-Qorti, l-element deciziv jikkonsisti fir-revokabilita' *contrario imperio* tad-decizjoni moghtija, mill-istess Qorti li tkun tatha. Fil-kaz ta' kontumacja, d-decizjoni tal-Qorti hija definittiva u taghlaq dik il-parti tal-process fil-konfront tal-konvenut. Dan hu s-sens tal-artikolu 158(10) tal-Kap.12.

Fil-kaz odjern il-kawza thalliet ghas-sentenza u l-konvenuti inghataw il-fakolta' li jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet finali fit-terminu lilhom moghti.

Hekk ukoll gie kkonfermat mill-On.Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Galea v Olga Agius** (App.1547/1998/1 - deciz fit-3 ta' Dicembru 2004) fejn il-Qorti ccitat sentenza fl-ismijiet **Albert Mizzi et noe v Emmanuel Navarro** (App. Civ. - 20 ta' Jannar 1986) fejn gie ritenut li "*decizjoni ta' Qorti ta' l-ewwel grad dwar il-gustifikazzjoni o meno tal-kontumacja mhix semplici digriet interlokutorju, izda sentenza vera u proprja."*

Din il-Qorti tikkondividi din l-interpretazzjoni u ghalhekk tqis li r-rikors odjern, kif ifformulat huwa null billi kellu jsir appell minn sentenza u mhux minn digriet.

Illi din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tidhol fl-aspetti sostantattivi tar-rikors odjern fid-dawl tal-premess. Madanakollu filwaqt li jidher li d-dokument esebit *a fol* 80

(*Request for Service Document)* huwa irregolari, din il-Qorti qaghdet fuq id-dokumenti esebiti *a fol* 32 sa 45 tal-process fejn ma irriskontrat l-ebda irregolarita'.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **tiddikjara li r-rikors tal-konvenuti** Michele Pergolani u Angela Maria Falanga tat-22 ta' Lulju 2015 huwa rritu u null u tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tieghu.

L-ispejjez ta' din il-procedura jithallsu mill-konvenuti *in solidum* bejniethom.

**Moqrija**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**15 ta' Settembru 2015**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**15 ta' Settembru 2015**